

Brussell, 15 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7246/22

Fajls Interistituzzjonali:
2021/0071(COD)
2021/0068(COD)

COVID-19 66	TRANS 147
JAI 350	COCON 24
POLGEN 38	COMIX 136
FRONT 123	SCHENGEN 29
FREMP 61	AVIATION 45
IPCR 39	PHARM 45
VISA 50	RELEX 358
MI 196	TOUR 25
SAN 158	CODEC 298

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 15 ta' Marzu 2022

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2022) 123 final

Suġġett: RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 123 final.

Mehmuż: COM(2022) 123 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.3.2022
COM(2022) 123 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati
COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali
tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19**

1. DAĦLA

Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2021/953 li jistabbilixxi ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (ir-“Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE”)¹. Ir-Regolament, ibbażat fuq proposta mill-Kummissjoni², jistabbilixxi qafas komuni għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqaq tal-COVID-19 għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom waqt il-pandemija tal-COVID-19. Ir-Regolament huwa akkumpanjat mir-Regolament (UE) 2021/954³, li jestendi l-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn f'konformità mad-dritt tal-UE.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa mod sempliċi u sigur biex juri l-istatus tat-tilqim, tat-test jew tal-fejqaq fejn jidħol il-COVID-19 matul l-ivvjaġġar. Jinħareġ mingħajr hłas u jista' jintuża kemm f'format diġitali kif ukoll f'format stampat⁴. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien element kruċjali fir-rispons tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19 u malajr sar standard fl-Ewropa u lil hinn minnha. Minn mindu beda japplika r-Regolament, inħarġu aktar minn 1,7 biljun Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁵.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandu dimensjoni internazzjonali importanti. Dan jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tgħaqqad is-sistemi taċ-ċertifikati COVID-19 f'pajjiżi terzi ladarba tkun stabbiliet li ċ-ċertifikati tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti sabiex jitqiesu bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għall-fini li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tad-detenturi tagħhom għal moviment liberu⁶. Is-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għet żviluppata fi standard globali, b'35 pajjiż terz u territorji f'ħames kontinenti li s'issa ngħaqdu mas-sistema, flimkien mas-27 Stat Membru. Is-suċċess taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kkontribwixxa għat-tkomplija tal-ivvjaġġar internazzjonali sikur.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaq (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1).

² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Diġitali Aħdar) (COM(2021) 130 final).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaq (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

⁴ Il-mudell għall-forma stampata jinsab hawn:

https://ec.europa.eu/health/sites/default/files/ehealth/docs/covid-certificate_paper_guidelines_en.pdf

⁵ Data limitu tat-28 ta' Frar 2022. Diżaggregazzjoni dettaljata għal kull Stat Membru hija inkluża fl-Anness I.

⁶ Kif previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953.

F'konformità mar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni sottomettiet rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ottubru 2021⁷. Dan ir-rapport ipprova ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tar-Regolament minn meta ġie adottat fl-14 ta' Ġunju 2021. Kien fih informazzjoni dwar l-implimentazzjoni teknika tar-Regolament, il-konnessjoni ta' pajjiżi terzi mas-sistema, l-użu taċ-ċertifikati mis-settur tat-trasport bl-ajru, u l-użu taċ-ċertifikati mill-Istati Membri għal skopijiet mhux relatati mal-ivvjaġġar. Kien fih ukoll analiżi tal-ħruġ possibbli ta' ċertifikati tal-fejqa fuq il-bażi ta' riżultati ta' testijiet rapidi tal-antiġeni u tal-antikorpi, u fuq il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-fejqa u tat-tilqim. Ipprova ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni riċevuta mingħand l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, inklużi n-notifiki dwar restrizzjonijiet addizzjonali għall-moviment liberu tad-detenturi taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Fl-aħħar nett, ir-rapport kien jindika li l-Kummissjoni se tressaq proposta biex testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport ieħor lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Marzu 2022. B'mod partikolari, dan it-tieni rapport irid jinkludi valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament dwar il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu, inkluż dwar l-ivvjaġġar u t-turiżmu, u l-aċċettazzjoni ta' tipi differenti ta' tilqimiet, id-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll dwar il-protezzjoni ta' *data* personali matul il-pandemija tal-COVID-19.

Minbarra s-suġġetti msemmija b'mod espliċitu fir-Regolament, dan ir-rapport fih ukoll informazzjoni aġġornata dwar in-numru ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin, l-aħħar żviluppi tekniċi relatati mas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, u r-rabta ta' pajjiżi terzi addizzjonali mas-sistema. Bħala segwitu għall-ewwel rapport, fih ukoll informazzjoni dwar il-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa fuq il-bażi ta' riżultati tat-testijiet rapidi tal-antiġeni u tal-antikorpi, il-ħruġ ta' ċertifikati tat-testijiet fuq il-bażi ta' testijiet tal-antiġeni bbażati fil-laboratorju, u dwar il-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-fejqa u tat-tilqim. Fl-aħħar nett, ir-Rapport jispjega għalfejn, fit-3 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni tabilħaqq adottat proposta għal estensjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sat-30 ta' Ġunju 2023⁸.

⁷ Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2021) 649 final).

⁸ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 jistabbilixxi qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 50 final).

2. L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR IĊ-ĊERTIFIKAT COVID DIĠITALI TAL-UE U L-IMPATT TIEGĦU FUQ ID-DRITTJIET FUNDAMENTALI U FUQ IN-NONDISKRIMINAZZJONI

2.1. Il-faċilitazzjoni tal-moviment liberu u n-nondiskriminazzjoni

2.1.1. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-moviment liberu fl-UE

Id-dritt ta' moviment u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE huwa wieħed mill-aktar drittijiet għal qalb iċ-ċittadini tal-UE. Fi sħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020⁹, aktar minn 8 risponenti minn kull 10 (84 %) qalu li l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE fl-UE jgħib miegħu benefiċċji ġenerali għall-ekonomija ta' pajjiżhom. Id-dritt fundamentali tal-moviment liberu huwa minqax fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri mhuwiex assolut. L-eżerċitar tiegħu jista' jkun soġġett għal limitazzjonijiet, dment li dawn jiġu applikati f'konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE u, b'mod partikolari, mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni¹⁰ u tal-proporzjonalità¹¹. Pereżempju, id-dritt ta' ċittadin tal-UE li jmur fi Stat Membru ieħor u jirrisjedi liberament jista' jkun ristrett għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika¹².

Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ħadu miżuri li llimitaw l-eżerċitar tad-dritt tal-moviment u tar-residenza libera fl-UE sabiex jiproteġu s-saħħa pubblika. Dawn il-miżuri kellhom l-għan li jillimitaw it-tixrid tas-SARS-CoV-2 u li jiproteġu s-sistemi tal-kura tas-saħħa milli jaqbżu l-kapaċitajiet tagħhom.

Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika tista' sservi bħala raġuni leġittima sabiex jiġi limitat il-moviment liberu. Madankollu, limitazzjonijiet bħal dawn ibbażati fuq is-saħħa pubblika jridu jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt tal-UE bħall-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni. Kwalunkwe miżura li tittieħed ma għandhiex testendi lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa pubblika. Il-Kummissjoni kompliet tenfasizza dan il-punt, li huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat

9

https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/214273/Eurobarometer%20Report%20Summary%20_%20EU%20Citizenship%20&%20Democracy%20-%20July%202020.pdf

¹⁰ L-Artikolu 21 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali.

¹¹ L-Artikolu 52(2) tal-Karta u s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, *Baumbast u R*, C-413/99, EU:C:2002:493.

¹² L-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

COVID Diġitali tal-UE, fil-proposti differenti tagħha adottati dwar il-kwistjoni tal-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19¹³.

Ir-restrizzjonijiet adottati mill-Istati Membri b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19 ħadu forom differenti. Matul l-istadju bikri tal-pandemija, l-Istati Membri saħansitra pprojbixxew id-dħul fit-territorju tagħhom jew il-ħruġ minnu, xi wħud ukoll billi introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni fiż-Żona Schengen. Miżuri oħrajn kienu jinkludu l-ħtieġa li l-vjaġġaturi jagħmlu testijiet għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 jew li jagħmlu awtoiżolament/kwarantina. Xi Stati Membri kienu jesigū wkoll li l-vjaġġaturi jippreżentaw formoli tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri jew li jissodisfaw rekwiżiti oħrajn ta' reġistrazzjoni qabel jew mad-dħul fit-territorju tagħhom.

Dment li ċerti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ikunu meħtieġa mill-perspettiva tas-saħħa pubblika u r-restrizzjonijiet ikunu konformi mal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità, ma jkunux qed jiksru d-dritt tal-moviment u tar-residenza libera fit-territorju tal-UE.

Dan huwa l-kuntest li fih ġie adottat ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-Regolament, li jistabbilixxi iċ-ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqa, ma jirrikjedix li l-Istati Membri jintroduċu limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-moviment liberu¹⁴. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li ma tkunx meħtieġa prova tal-istatus tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqa, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-moviment liberu, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jobbligax lill-Istat Membru li jagħmel dan. Għaldaqstant, ir-Regolament ma jstax ikollu impatt negattiv fuq il-moviment liberu fl-UE.

Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li s-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kellha – u għad għandha – impatt pożittiv fuq il-moviment liberu fi żmien li fih l-Istati Membri qegħdin jillimitaw l-eżerċitar tiegħu għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Tagħmel dan billi

¹³ Ara l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Settembru 2020 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020) 499 final), il-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Marzu 2021 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli dwar il-vaċċinazzjoni, l-ittestjar u l-irkupru għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (Ċertifikat Diġitali Aħdar) (COM(2021) 130 final), il-proposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2021, Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 (COM(2021) 749 final) u l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 jistabbilixxi qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 COM(2022) 50 final.

¹⁴ Ara wkoll il-Premessa 14 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE: *“Dan ir-Regolament huwa maħsub biex jiffaċilita l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u nondiskriminazzjoni fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jimmira lejn livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Huwa jenħtieġ li ma jinftehimx bħala li jiffaċilita jew jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' restrizzjonijiet għall-moviment liberu, jew restrizzjonijiet għal drittijiet fundamentali oħra, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, minħabba l-effetti ta' ħsara tagħhom fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni u n-negozji[...]”*.

tiżgura li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt li jirċievu ċertifikati interoperabbli u aċċettati b'mod reċiproku dwar it-tilqim, it-testijiet u l-fejtan mill-COVID-19 li jistgħu jużaw meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Meta l-Istati Membri jneħħu ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għal persuni fil-pussess ta' prova ta' tilqim, ta' ttestjar jew ta' fejtan, ir-Regolamenti dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw, b'mod mhux diskriminatorju, minn dawn l-eżenzjonijiet abbażi taċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament.

Mingħajr ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ma jkun jeżisti l-ebda wieħed minn dawn id-drittijiet: li wieħed jirċievi ċertifikat u li jkun eżentat minn restrizzjonijiet bl-istess mod bħaċ-ċittadini ta' Stat Membru fuq il-bażi ta' dak iċ-ċertifikat. Barra minn hekk, ma jkun hemm l-ebda standard uniku li jiżgura l-interoperabbiltà transfruntiera taċ-ċertifikati COVID-19. Fi sħarriġ li sar mill-Kummissjoni fil-bidu ta' Frar 2022, żewġ terzi tal-Istati Membri rispondenti indikaw li, fin-nuqqas tal-adozzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, huma kienu jikkunsidraw li jstabilixxu ċertifikat nazzjonali tal-COVID-19. Filwaqt li ċ-ċittadini jistgħu jinħarġulhom ċertifikati mill-fornituri tal-kura tas-saħħa, ma jkun hemm l-ebda garanzija li dawn jiġu aċċettati – jew, fin-nuqqas ta' standard ta' kodifikazzjoni, li jinftiehm – fi Stati Membri oħrajn. Barra minn hekk, ħafna tipi differenti ta' ċertifikati inevitabbilmint iżidu l-riskju ta' frodi u ta' falsifikazzjoni.

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li kull restrizzjoni għall-moviment liberu tal-persuni fl-UE stabbilita bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, inklużi r-rekwiżiti possibbli mill-Istati Membri sabiex jippreżentaw Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, jitneħħew malli s-sitwazzjoni epidemjoloġika tippermetti. B'risultat ta' dan, il-perjodu ta' applikabbiltà tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE huwa limitat fiż-żmien, li jfisser li ma għandux jibqa' japplika meta tingħeleb il-pandemija u ċ-ċertifikati ma jibqgħux meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar.

Dan l-aħħar, l-UE indirizzat mewġa ta' każijiet tal-COVID-19 ikkawżati mill-varjant Omicron li kien wieħed ta' tħassib¹⁵. Wara li n-numru ta' każijiet tal-Omicron jilħaq il-quċċata, proporzjoni għolja tal-popolazzjoni hija mistennija tibbenefika minn protezzjoni mill-COVID-19 jew minħabba t-tilqim jew minħabba l-infezzjoni preċedenti, jew it-tnejn li huma, tal-anqas għal ċertu perjodu. Madankollu, żieda mġedda fl-infezzjonijiet fit-tieni nofs tal-2022, inkluż minħabba l-emerġenza ta' varjanti ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2, hija possibbiltà reali sakemm il-virus ikompli jiċċirkola b'mod wiesa' f'kuntast ta' differenzi kbar fir-rati ta' tilqim madwar id-dinja. Kif ġie nnotat ukoll miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), għad hemm inċertezzi sinifikanti f'dan l-istadju tal-pandemija tal-COVID-19¹⁶. Fl-aħħar nett, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għadha ma ddikjaratx it-tmien tal-emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali kkawżata mis-SARS-CoV-2.

¹⁵ <https://www.ecdc.europa.eu/en/covid-19/country-overviews>

¹⁶ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/RRA-19th%20update-27-jan-2022.pdf>

Minħabba f'hekk, l-Istati Membri għandhom mnejn iħossu li hu meħtieġ li jżommu jew jintroduċu mill-ġdid rekwiżit għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom, li jippreżentaw prova tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqaq mill-COVID-19 wara t-30 ta' Ġunju 2022, id-data attwalment stabbilita għall-iskadenza tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Fl-istħarriġ imsemmi qabel, essenzjalment l-Istati Membri risponenti kollha indikaw hteġa possibbli, fil-kuntest tal-ivvjaġġar, għal provi tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqaq matul it-tieni nofs tal-2022 u l-ewwel nofs tal-2023.

Għalhekk, fit-3 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bi 12-il xahar, sabiex, f'każ li ċerti restrizzjonijiet għall-moviment liberu abbażi tas-saħħa pubblika jkunu għadhom fis-seħħ wara t-30 ta' Ġunju 2022, iċ-ċittadini tal-UE ma jiġux imċaħħda miċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE bħala mod effettiv, sigur u li jippreserva l-privatezza biex jagħti provi tal-istatus tagħhom ta' tilqim, tat-testijiet u tal-irkupru kontra l-COVID-19¹⁷. Dan ikun żgurat mill-proposta tal-Kummissjoni.

Kif enfasizzat f'din il-proposta, l-estensjoni ma għandhiex tinftiehem li tirrikjedi lill-Istati Membri, speċjalment dawk li jneħħu l-miżuri domestiċi tas-saħħa pubblika, li jżommu jew jimponu r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu. Huwa perfettament possibbli għall-Istati Membri li jneħħu dawn il-miżuri kollha waqt li r-Regolament ikun fis-seħħ, peress li kull restrizzjoni, inkluż l-obbligu li tiġi ppreżentata evidenza ta' kull wieħed mit-tliet avvenimenti mediċi koperti miċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, jenħtieġ li tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun meħtieġa u proporzjonata.

Għalhekk, l-estensjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bi 12-il xahar isservi biex tiżgura li iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jibqa' disponibbli f'każ li jkun meħtieġ wara Ġunju 2022.

B'kuntrast, jekk ir-Regolament ma jiġix estiż, il-Kummissjoni tkun obbligata twaqqaf il-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fl-aħħar ta' Ġunju 2022. Jekk tinqala' hteġa mġedda għaċ-ċertifikat aktar tard, bħala riżultat tal-impożizzjoni mill-ġdid ta' restrizzjonijiet mill-Istati Membri matul it-tieni nofs tal-2022 jew l-ewwel nofs tal-2023, ikun diffiċli ħafna – jekk mhux impossibbli – li s-sistema tiġi stabbilita mill-ġdid fi żmien qasir kemm f'termini legali kif ukoll tekniċi. Iċ-ċittadini tal-UE jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jagħmlu użu miċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE bħala mezz stabbilit sew biex jiġi ppruvat l-istatus tal-COVID-19, u potenzjalment jiġu kkonfrontati b'nuqqas ta' interoperabbiltà transfruntiera taċ-ċertifikati tal-COVID-19..

2.1.2. Koordinazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu marbutin mal-pandemija tal-COVID-19

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, sakemm dawn ikunu konformi mar-

¹⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022PC0050&qid=1647682218866&from=MT>

regoli u l-limiti stabbiliti mil-liġi tal-UE. Restrizzjonijiet bħal dawn jiġu normalment adottati fil-livell individwali – pereżempju t-tkeċċija ta' ċittadin tal-UE li ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet għal residenza – u ma jeħtiġux koordinazzjoni bejn diversi Stati Membri jew bejn l-Istati Membri kollha. Madankollu, il-pandemija wriet li, fin-nuqqas ta' koordinazzjoni, limitazzjonijiet unilaterali għall-moviment liberu adottati essenzjalment mill-Istati Membri kollha jistgħu jirriżultaw f'inċertezza għaċ-ċittadini tal-UE anki jekk il-miżuri jiġu vvalutati individwalment, f'konformità mad-dritt tal-UE.

Biex tkun żgurata l-koordinazzjoni madwar l-UE, il-Kummissjoni, sa mill-bidu tal-pandemija, ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-koordinazzjoni dwar din il-kwistjoni¹⁸. Il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ approċċ koordinat tajjeb, prevedibbli u trasparenti għall-adozzjoni tar-restrizzjonijiet imposti fuq l-ivvjaġġar għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-virus, u għas-salvagwardja tas-saħħa taċ-ċittadini, sabiex jinżamm il-moviment liberu fl-UE, taħt kundizzjonijiet sikuri.

Fit-13 ta' Ottubru 2020, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19¹⁹. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill stabbiliet approċċ komuni dwar il-punti ewlenin li ġejjin: l-applikazzjoni ta' kriterji komuni meta jiġi deċiż jekk jiġux introdotti restrizzjonijiet għall-moviment liberu; immappjar tar-riskju ta' trażmissjoni tal-COVID-19, ippubblikat mill-ECDC, fuq il-bażi ta' kodiċi tal-kultur miftiehem; u approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-miżuri, jekk ikun hemm, li jistgħu jiġu applikati għal persuni li jiċċaqilqu bejn żoni differenti. Bi tweġiba għall-iżviluppi tal-pandemija, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu ġiet aġġornata diversi drabi minn Ottubru 2020²⁰.

L-adozzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2021 kienet kisba importanti oħra f'dan ir-rigward. Bħala wieħed mill-objettivi tiegħu, dak ir-Regolament għandu wkoll il-kontribuzzjoni għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-UE, sabiex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod koordinat. Sabiex isir l-aħjar użu minn dan il-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kunsill adatta, fl-istess jum, l-approċċ ikkoordinat stabbilit fir-Rakkomandazzjoni

¹⁸ Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tirrevedi l-linji gwida tal-2009 dwar il-moviment liberu, sabiex ittejjeb iċ-ċertezza legali għaċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu, u biex tiżgura applikazzjoni aktar effettiva u uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar il-moviment liberu madwar l-UE, kif spjegat fir-Rapport tal-2020 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE https://ec.europa.eu/info/files/eu-citizenship-report-2020-empowering-citizens-and-protecting-their-rights_en).

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3).

²⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/119 tal-1 ta' Frar 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 36I, 2.2.2021, p. 1); u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/961 tal-14 ta' Ġunju 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 213I, 16.6.2021, p. 1).

(UE) 2020/1475²¹. Il-Kunsill innota li ċ-ċertifikati maħruġin f'konformità mar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandhom ikunu l-għodda primarja li għandha tintuża fil-kuntest tal-ivvjaġġar fl-UE²². Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill stabbiliet fehim komuni tal-kundizzjonijiet li fihom il-persuni mlaqqmin għandhom jiġu eżentati mir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, kif ukoll il-perjodi ta' validità standard għat-testijiet għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, flimkien mal-approċċ ikkoordinat stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ippermetta liċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu b'faċilità relattiva matul is-sajf tal-2021. Minn dak iż-żmien, l-użu tat-tilqim żdied b'mod sinifikanti madwar l-UE, u l-varar taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għamel progress b'pass rapidu. Fl-istess ħin, il-mewġ tal-infezzjonijiet tal-COVID-19 ikkawżat mill-varjanti ta' tħassib "Delta" u "Omicron" matul ix-xitwa tal-2021/2022 wassal lill-Istati Membri biex jadottaw miżuri addizzjonali tas-saħħa pubblika, li jfittxu li jipproteġu s-saħħa tal-individwi kif ukoll il-kapaċità tas-sistemi tal-kura tas-saħħa, b'uħud minn dawn il-miżuri relatati mal-ivvjaġġar bejn l-Istati Membri.

Fil-25 ta' Jannar 2022, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/107²³ dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475, b'tali mod li l-approċċ "ibbażat fuq ir-reġjun" sar approċċ "ibbażat fuq il-persuna". Ir-Rakkomandazzjoni tipprovdi li persuna li għandha Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu fil-prinċipju ma għandhiex tkun soġġetta għal restrizzjonijiet addizzjonali, bħal testijiet jew kwarantina, irrispettivament mill-post tat-tluq tagħha fl-UE. Persuni li ma jkollhomx Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu jistgħu jkunu meħtieġa jgħaddu minn test qabel jew mhux aktar tard minn 24 siegħa wara l-wasla. Il-vjaġġgaturi b'funzjoni jew bi ħtieġa essenzjali, il-vjaġġgaturi transfruntiera u t-tfal taħt il-12-il sena ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE validu.

Dan l-approċċ ibbażat fuq il-persuna jkompli jsaħħaħ il-moviment liberu għall-vjaġġgaturi kollha b'mod mhux diskriminatorju, peress li l-vjaġġgaturi jistgħu jivvjaġġaw b'mod liberu, abbażi ta' ċertifikat tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan. Sa mill-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107, l-Istati Membri bdew jallinjaw dejjem aktar ir-rekwiżiti tal-ivvjaġġar tagħhom ma' dan l-approċċ ibbażat fuq il-persuna. Sa l-4 ta' Marzu 2022, 21 l-Istati Membri jew ma jqiegħdu l-ebda restrizzjoni addizzjonali fuq l-ivvjaġġar fuq id-detenturi ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE f'ebda ċirkostanza, jew ma għandhom l-ebda restrizzjoni affattu fuq l-ivvjaġġar.

²¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/961 tal-14 ta' Ġunju 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 213I, 16.6.2021, p. 1).

²² Il-Premessa 9 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/961.

²³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107 tal-25 ta' Jannar 2022 dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19 u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475 (ĠU L 18, 27.1.2022, p. 110).

La r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107 u lanqas, kif imsemmi hawn fuq, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jobbligaw lill-Istati Membri jirrikjedu li l-vjaġġaturi jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kienet qiegħda thegħegħ lill-Istati Membri, b'mod partikolari lil dawk li jneħħu l-miżuri domestiċi tas-saħħa pubblika, sabiex ineħħu miżuri bħal dawn²⁴. Ħames Stati Membri²⁵ diġà neħħew ir-reqwizit li jkollhom Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE biex jidħlu fit-territorji rispettivi tagħhom.

Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2022/107 (kif ukoll il-predeċessor tiegħu, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/1475), għalhekk kienu għodod importanti biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19. Huma fittxew li jiżguraw approċċ ikkoordinat tajjeb għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment, u se jkomplu jkunu importanti għat-tneħħija ta' dawn ir-restrizzjonijiet hekk kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika titjeb.

2.1.3. L-iżgurar ta' approċċ mhux diskriminatorju

Il-qafas ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiżgura n-nondiskriminazzjoni billi jinkludi ċertifikati interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan. L-Istati Membri kollha huma obbligati jorhorgu t-tliet tipi differenti ta' ċertifikati, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107 tistabbilixxi approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-aċċettazzjoni tagħhom. B'risultat ta' dan, kemm jista' jkun persuni jistgħu jibbenefikaw minn Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Kif enfasizzat fil-Premessa 36 tiegħu, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jistax jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi obbligu ta' tlaqqim, u ma huwiex "passaport tat-tilqima".

Fl-istess ħin, it-tilqim, it-testijiet jew il-fejqan ma jistgħux jitqiesu bħala ugwali mill-perspettiva tas-saħħa pubblika, billi r-riskju ta' eżiti severi fir-rigward ta' persuni mhux imlaqqma u dawk imlaqqma parzjalment jibqa' ħafna akbar²⁶. Dan huwa rifless ukoll fir-regoli dwar il-validità ta' ċertifikati li huma intrinsikament differenti.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jobbligax lill-Istati Membri jaċċettaw it-tliet tipi kollha ta' ċertifikati. Din tibqa' deċiżjoni ta' politika tal-Istati Membri fil-qasam tas-saħħa pubblika, u xi Stati Membri tabilħaqq iddeċidew li ma jaċċettawx ċerti ċertifikati, b'mod partikolari ċertifikati tal-fejqan.

Madankollu, meta Stat Membru jaċċetta prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-fejqan mill-infezzjoni bis-SARS-CoV-2 sabiex ineħħi r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu, huwa jeħtieġlu jaċċetta, bl-istess kundizzjonijiet, Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE maħruġin għall-istess każ mediku. Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandu l-istess valur irrispettivament mill-Istat Membru li fih ġiet amministrata t-tilqima, jew li fih saru t-testijiet. Fl-aħħar nett, kif enfasizzat fil-punt 5 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/107, ir-

²⁴ Ara wkoll COM(2022)50 final.

²⁵ DK, IE, LT, SI and SE.

²⁶ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/RRA-19-update-27-jan-2022.pdf>

restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar ma jistgħux ikunu bbażati fuq in-nazzjonalità tal-persuna kkonċernata.

2.1.4. Informazzjoni riċevuta skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat sabiex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19. L-informazzjoni mill-Istati Membri dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tinġabar permezz ta' tabelli b'ħarsa ġenerali sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, u hija disponibbli wkoll fuq il-pjattaforma Re-open EU, li hija għodda interattiva disponibbli online u bħala applikazzjoni għall-apparati mobbli²⁷.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li restrizzjonijiet addizzjonali fuq id-detenturi taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE huma possibbli biss meta dawn ikunu neċessarji u proporzjonati għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinformat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn 48 siegħa bil-quddiem kull meta jiddeċiedu li jimponu restrizzjonijiet addizzjonali²⁸.

Bejn it-13 ta' Ottubru 2021 u l-4 ta' Marzu 2022, l-Istati Membri li ġejjin ippreżentaw informazzjoni skont din id-dispożizzjoni: l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Italja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Portugall u l-Iżvezja. Din iż-żieda fin-notifiki meta mqabbla mar-rapport preċedenti tista' tiġi spjegata mill-miżuri ta' emerġenza meħudin bħala rispons għall-varjant Omicron. Ir-rekwiżiti addizzjonali notifikati minn dawn l-Istati Membri kienu jinkludu, pereżempju, testijiet ta' qabel it-tluq, jew testijiet wara l-wasla, inkluż għal vjaġġaturi mlaqqmin u/jew imfejġin. F'minoranza żgħira ħafna ta' każijiet, ġew implimentati rekwiżiti ta' kwarantana.

Fil-fażi bikrija tal-emerġenza tal-varjant Omicron, il-Kummissjoni qieset li, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawżjoni, rekwiżiti addizzjonali ta' ttestjar ta' qabel it-tluq kienu mezz xieraq li jiġi kkunsidrat mill-Istati Membri bħala parti minn miżura ta' emerġenza sabiex irażżnu t-tixrid ta' dak il-varjant il-ġdid²⁹. Madankollu, minħabba li, sadanittant, għadha għaddejja trażmissjoni komunitarja fuq skala kbira tal-Omicron madwar l-UE, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jneħħu kull rekwiżit ta' ttestjar relatat mal-ivvjaġġar fl-UE impost fuq persuni mlaqqmin u mfejġin bħala rispons għall-feġġa tal-Omicron. Sal-4 ta' Marzu 2022, l-ebda Stat Membru ma żamm restrizzjonijiet addizzjonali stabbiliti speċifikament bħala rispons għall-varjant Omicron.

²⁷ <https://reopen.europa.eu/mt>

²⁸ L-Artikolu 11 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

²⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Nindirizzaw flimkien l-isfidi attwali u ġodda tal-COVID-19 (COM(2021) 764 final).

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità tal-miżuri tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri kollha, li għadhom fis-seħħ, u li jaffettwaw id-dritt taċ-ċittadini għall-moviment liberu, mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità.

2.1.5. Informazzjoni oħra dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li iċ-ċertifikati tat-tilqim għandhom jinħarġu mill-Istat Membru meta tkun ingħatat it-tilqima. Jekk iċ-ċittadini jkunu ġew imlaqqma f'żewġ Stati Membri differenti, jenħteġ li l-ewwel Stat Membru joħroġ Ċertifikat Diġitali tal-COVID tal-UE li jindika l-ewwel doża, u t-tieni Stat Membru, wara li tingħatalu prova li l-ewwel doża ġiet amministrata fi Stat Membru ieħor, jenħteġ li joħroġ Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tieni doża (iċ-ċertifikat jindika "2/2" bħala n-numru ta' dożi amministrati). Għall-boosters japplikaw l-istess regoli; l-Istat Membru fejn tiġi amministrata d-doża booster għandu joħroġ, wara prova li s-serje tat-tilqim primarju tkun ġiet amministrata fi Stat Membru ieħor, Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika l-aħħar doża (iċ-ċertifikat jindika "3/3" jew "2/1" skont it-tip ta' tilqima). Dawn ir-regoli huma ċċarati wkoll fil-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi estiża l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (ara t-Taqsima 2.9).

F'konformità mal-Artikolu 5(2)(b) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, iċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġin minn Stat Membru wara l-amministrazzjoni ta' doża tat-tilqima kontra l-COVID-19 tabilħaqq għandu jkun fihom "in-numru ta' dożi amministrati lid-detentur", jiġifieri, mhux biss in-numru ta' dożi amministrati fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikati. Minħabba li għandu jinħareġ ċertifikat wara l-amministrazzjoni ta' kull doża, iċ-ċittadin ikkonċernat tipikament għandu jkun fil-pussess ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li jikkostitwixxi prova affidabbli tal-amministrazzjoni ta' dożi preċedenti.

Il-ħruġ ta' ċertifikati tat-tilqim korretti fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma għandux ikun soġġett għal rekwiżiti amministrattivi addizzjonali mhux previsti fir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. B'mod partikolari, ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jirrikjedix li l-persuna kkonċernata tkun reġistrata fis-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Istat Membru li jamministra t-tilqima, jew li tipprovdi n-numru tal-lott ta' dożi preċedenti, qabel ma jinħarġilha Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Madankollu, f'ċerti każijiet iċ-ċittadini rrapportaw diffikultajiet sabiex jiksbu Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE korretti, b'mod partikolari ċertifikati tat-tilqim. Pereżempju, xi ċittadini rrapportaw li sabu problemi sabiex jiksbu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mill-Istat Membru hađu t-tilqim minħabba li ma kinux fil-pussess ta' numru nazzjonali ta' reġistrazzjoni jew tas-sigurtà soċjali. Feġġew problemi oħra meta iċ-ċittadini rċevew dożi tat-tilqima kontra l-COVID-19 fi Stati Membri differenti. Tipikament, iċ-ċittadini rrapportaw li meta rċevew it-tieni doża jew id-doża booster tagħhom fi Stat Membru, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li nħarġilhom wara ħalla barra dożi preċedenti amministrati fi Stat Membru

ieħor. F'dawn il-każijiet, in-numru ta' dożi indikati fl-aħħar ċertifikat ma kienx jirrifletti n-numru korrett ta' dożi amministrati lill-persuna kkonċernata.

Kif enfasizzat fl-ewwel rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni kompliet il-kuntatti regolari tagħha mal-Istati Membri biex tgħin issolvi dawn il-kwistjonijiet fil-livell tekniku malajr kemm jista' jkun. B'dan il-mod, diġà ġew solvuti ħafna problemi. Sabiex tikseb ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe problema persistenti, il-Kummissjoni wettqet sħarriġ fost l-Istati Membri dwar dan is-suġġett fi tmiem l-2021 u talbet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jindirizzaw il-problemi identifikati. Bħalissa, il-Kummissjoni qed tanalizza t-tweġibiet tal-Istati Membri u se tagħti segwitu kif ikun xieraq sabiex issolvi kwalunkwe problema li jifdal.

Xi wħud minn dawn il-problemi huma marbutin man-natura diċentralizzata apposta tal-qafas taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li la jistabbilixxi bażi ta' *data* fil-livell tal-UE għat-tilqim, għat-testijiet jew għall-fejqaq mill-COVID-19 u lanqas ma jikkollega kwalunkwe bażi ta' *data* simili eżistenti fil-livell tal-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, ma hemm l-ebda skambju awtomatiku ta' *data* li jippermetti lill-Istati Membri joħorġu ċertifikati faċilment li jqisu l-informazzjoni maħżuna fi Stat Membru ieħor, bħal informazzjoni dwar doża preċedenti amministrata tat-tilqima kontra l-COVID-19. Għalhekk, l-Istati Membri jiddependu fuq iċ-ċittadini li jipprovdu prova tal-amministrazzjoni ta' dożi preċedenti fi Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari fil-forma ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE.

Sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali liċ-ċittadini, il-Kummissjoni ppubblikat it-tweġibiet għall-mistoqsijiet l-aktar frekwenti dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, it-tilqim u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjagġar³⁰, li ġew aġġornati fil-11 ta' Marzu 2022.

2.2. Protezzjoni ta' *data* personali

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu huma f'konformità sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li jiżguraw, pereżempju, li l-ammont ta' *data* miġbura jkun limitat għal dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. B'mod partikolari, jipprovdi li d-*data* personali aċċessata fil-kuntest tal-proċess ta' verifika ma għandhiex tinżamm. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jinħażen u jiġi vverifikat offline, u b'riżultat ta' dan, l-Istat Membru emittenti ma jiġix informat li ċertifikat ikun ġie vverifikat. Il-Kummissjoni tiżgura wkoll il-konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati adottati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

Is-sigurtà taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE nfushom uriet is-solidità tagħha. L-iżgurar tal-konformità mal-protezzjoni tad-*data*, inkluża s-sigurtà tal-informazzjoni, fis-sistemi ta' ħruġ huwa responsabbiltà li taqa' fuq spallet l-Istati Membri. Filwaqt li ġew irrapportati

³⁰ Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/movement-and-residence/eu-digital-covid-certificate-vaccinations-and-travel-restrictions_mt

ċertifikati maħruġin b’mod frodulent, ma hemm l-ebda raġuni għaliex wieħed jemmin li ġew kompromessi xi kġavi kriptografiċi użati biex jiġu ffirmati u awtentikati ċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE (ara wkoll it-Taqsima 2.6.2).

Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet domestiċi, dan irid jiġi previst fil-liġi nazzjonali, li trid tikkonforma mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data* (ara wkoll it-Taqsima 2.5)³¹. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jinforzaw il-konformità ma’ daww ir-regoli nazzjonali.

2.3. L-ivvjaġġar u t-turiżmu

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt serju fuq diversi setturi, bit-trasport u t-turiżmu li ġew affettwati b’mod partikolari. F’dan il-kuntest ta’ sfida, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-isforzi sabiex jiġi stabbilit approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar fil-livell tal-UE b’mod ġenerali ntlaqgħu tajjeb mill-assoċjazzjonijiet tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu bħala żviluppi importanti biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvjaġġaw u jithegħgu li jagħmlu dan billi tiġi garantita l-prevedibbiltà meħtieġa. Barra minn hekk, l-impatt pożittiv tas-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jestendi lil hinn mill-UE.

Mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, it-trasport kien wieħed mill-aktar setturi affettwati b’mod sever. Wara l-mewġiet varji ta’ infezzjonijiet, u l-miżuri differenti meħudin għall-kontroll tagħhom, ġew identifikati diversi aspetti li wasslu għall-impatt tal-pandemija fuq dan is-settur. Fit-terminu qasir, l-impatti huma xprunati minn miżuri ta’ lockdown, minn restrizzjonijiet oħrajn, kif ukoll minn sforzi volontarji ta’ individwi li jfittxu li jevitaw li jiġu infettati. Barra minn hekk, it-tibdil fl-attivitajiet tat-trasport jista’ jkun dovut għal diversi fatturi: l-evoluzzjoni tal-pandemija, inklużi t-teħid tat-tilqima, it-tibdil fl-imġiba (l-aċċettazzjoni tat-tilqima, il-ħtieġa/ix-xewqa ta’ vvjaġġar, l-għażla tal-modalità tal-ivvjaġġar), kif ukoll l-irkupru ekonomiku tas-settur tas-servizzi tat-trasport.

Analiżi tan-numru ta’ titjiriet kummerċjali³² turi li l-aktar livell baxx ġie rreġistrat fix-xhur ta’ Mejju u ta’ Ġunju 2020, li jikkorrispondu għall-perjodu ta’ lockdown u ta’ restrizzjonijiet stretti fuq l-ivvjaġġar fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Bl-eċċezzjoni tal-ewwel tliet xhur, fil-livell tal-UE, in-numru ta’ titjiriet kien oġhla fl-2021 milli fl-2020 fix-xhur kollha, u segwa l-istess xejra staġunali bħas-snin ta’ qabel: fil-livell tal-UE, l-oġhla numri ntlaħqu f’Lulju u f’Awwissu, bl-oġhla livell f’Awwissu, segwit minn tnaqqis gradwali fix-xhur segwenti. Analiżi tad-*data* disponibbli dwar l-għadd ta’ passiġġieri li vvjaġġaw³³ bl-ajru tidher li tikkonferma din ix-xejra, bl-oġhla livell ta’ passiġġieri li vvjaġġaw bl-ajru li ntlaħqet f’Lulju u Awwissu 2021, li jikkoinċidi mat-tnedija taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Madankollu, il-livell tal-2019 ma ntlaħaq fl-ebda pajjiż b’*data* disponibbli³⁴.

³¹ Il-Premessa 48 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

³² Eurostat, “Commercial flights by reporting country – monthly data”, 10-02-2022, Disponibbli fuq: https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=avia_tf_cm&lang=en

³³ Eurostat, “Air passenger transport by reporting country”, 14-02-2022, Disponibbli fuq: https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=avia_paoc&lang=en

³⁴ Ma hemmx *data* disponibbli għall-BE, EL, RO u SI.

L-assoċjazzjonijiet tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu laqgħu bi ħġarhom iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bħala kontribut importanti għall-bidu mill-ġdid tal-ekosistema tat-turiżmu tal-UE matul l-istaġun tas-sajf tal-2021 u lil hinn minnu. L-Alleanza tal-Manifest Ewropew tat-Turiżmu, grupp ta' 70 organizzazzjoni pubblika u privata tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu, iddikjarat li *“l-implimentazzjoni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kienet suċċess kbir”*³⁵.

Għalkemm kien maħsub sabiex jiffaċilita l-moviment liberu fl-UE, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kkontribwixxa dejjem aktar għar-restawr tal-vjaġġi internazzjonali lejn l-UE u lil hinn minnha. F'dan il-kuntest, fit-22 ta' Frar 2022 il-Kunsill adotta emenda għar-Rakkomandazzjoni 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni³⁶. Din tipprevedi li l-Istati Membri għandhom ineħħu r-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE għal persuni mlaqqmin b'tilqima approvata mill-UE jew mid-WHO u għal-persuni li jkunu fiequ mill-COVID-19 qabel ma jivvjaġġaw lejn l-UE (ara wkoll it-Taqsima 2.4 hawn taħt). Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u ċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin minn pajjiżi terzi meqjusin bħala ekwivalenti f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għandhom jintużaw bħala l-mezz ewlieni ta' prova tat-testijiet u tat-tilqim, u bħala l-uniku mezz ta' prova tal-irkupru, billi jistgħu jiġu vverifikati b'mod sikur. Fl-aħħar nett, filwaqt li mhuwiex kopert mir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jista' jiffaċilita l-ivvjaġġar taċ-ċittadini tal-UE lejn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk konnessi mas-sistema tal-UE permezz ta' *“deċizzjoni dwar l-ekwivalenza”* (ara t-Taqsima 2.7.1).

B'riżultat ta' dan, l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jittrattaw suġġetti relatati mat-turiżmu esprimew l-appoġġ għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u/jew irrikonoxxew li sar standard internazzjonali għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19. Dawn jinkludu l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi³⁷, l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu³⁸ u l-Grupp tal-Għoxrin³⁹.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE mhux biss iffaċilita l-ivvjaġġar taċ-ċittadini tal-UE, iżda pprovdielhom ukoll dokument affidabbli u aċċettat li huma setgħu jużaw f'każ li l-Istat Membru tad-destinazzjoni tagħhom kien qed juża ċ-ċertifikati COVID-19 għal skopijiet domestiċi, bħall għall-aċċess għar-ristoranti, għall-ħwienet tax-xorb jew għal-lukandi (għal aktar informazzjoni dwar l-użu domestiku taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ara t-Taqsima 2.5).

³⁵ <https://tourismmanifesto.eu/position-on-the-european-commissions-proposals-for-council-recommendations-on-intra-eu-and-international-travel/>

³⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/290 tat-22 ta' Frar 2022 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 43, 24.2.2022, p. 79).

³⁷ <https://www.oecd-forum.org/posts/the-oecd-safe-international-mobility-initiative>

³⁸ <https://www.unwto.org/news/vaccines-and-digital-solutions-to-ease-travel-restrictions>

³⁹ <https://www.oecd.org/cfe/g20-rome-guidelines-for-the-future-of-tourism-d11080db-en.htm>

2.4. L-aċċettazzjoni ta' tipi differenti ta' tilqimiet u ta' testijiet għall-COVID-19

Kif previst fir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-Istati Membri huma obbligati jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim għal tilqimiet li jkunu rċevew awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-UE fir-rigward tat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu⁴⁰. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll⁴¹, iżda ma humiex obbligati, li jneħħu r-restrizzjonijiet għall-vjaġġaturi li jkunu rċevew tilqima li tkun lestiet il-proċedura ta' tqegħid fuq il-lista għall-użu ta' emerġenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)⁴² jew li tkun ġiet awtorizzata fil-livell nazzjonali fi Stat Membru ieħor⁴³.

L-Istati Membri dejjem aktar qed jaċċettaw tilqimiet li jkunu lestew il-proċedura ta' tqegħid fuq il-lista tal-użu ta' emerġenza tad-WHO, u l-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri fil-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilit bl-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni 1082/2013/UE⁴⁴, biex tiġbor informazzjoni dwar it-tilqimiet kontra l-COVID-19 mhux awtorizzati fil-livell tal-UE li huma jaċċettaw sabiex ineħħu l-miżuri relatati mal-ivvjaġġar bħat-testijiet jew il-kwarantina addizzjonali. Kif imsemmi hawn fuq, l-aħħar emenda għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni tipprevedi li l-Istati Membri jenħtieġ li jneħħu r-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE anki għal persuni li jiġu mlaqqma b'vaċċin approvat mid-WHO. Madankollu, tali vjaġġaturi jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali bħal testijiet, kwarantina jew l-amministrazzjoni ta' tilqima awtorizzata mill-UE.

Fir-rigward tat-testijiet għall-infezzjoni bis-SARS-CoV-2, madwar żewġ terzi tal-Istati Membri jaċċettaw, fil-kuntest tal-ivvjaġġar, ċertifikati maħruġin fuq il-bażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni ta' kwalità għolja. Dawk l-Istati Membri li ma jaċċettawx it-testijiet rapidi tal-antiġeni jsemmu, b'mod partikolari, ir-rati oġhla ta' negattivi foloz bħala raġunijiet għaliex ma jaċċettawx dawn iċ-ċertifikati. Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma jobbligahomx jaġhmlu hekk, dment li dan isir b'mod mhux diskriminatorju.

2.5. L-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet domestiċi

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jkopri l-użu taċ-ċertifikati għall-ivvjaġġar fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19. La jippreskrivi u lanqas ma jipprojbixxi l-użu taċ-ċertifikati COVID-19 għal skopijiet domestiċi, bħar-regolazzjoni tal-aċċess għal

⁴⁰ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁴¹ It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁴² <https://extranet.who.int/pqweb/key-resources/documents/status-covid-19-vaccines-within-who-eulpq-evaluation-process>

⁴³ Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁴⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

avvenimenti, għal ristoranti, għal avvenimenti sportivi, għat-trasport pubbliku jew għall-post tax-xogħol.

Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jużaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għal skopijiet oħrajn, dan irid jiġi previst fid-dritt nazzjonali, li jrid jikkonforma b'mod partikolari mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data*⁴⁵. Fl-istess ħin, meta Stat Membru jistabbilixxi sistema ta' ċertifikati COVID-19 għal skopijiet domestiċi, għandu jiżgura li iċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE jkunu jistgħu jintużaw ukoll⁴⁶. Dan jiżgura li l-vjaġġaturi minn Stati Membri oħrajn ikunu jistgħu jużaw iċ-ċertifikati tagħhom matul is-soġġorn tagħhom.

Fiż-żmien mill-aħħar rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-użu ta' ċertifikati COVID-19 għal skopijiet domestiċi ra bidliet. Bħala reazzjoni għan-numri tal-każijiet li komplew jtilgħu fil-ħarifa tal-2021, xi Stati Membri kienu jeħtieġu l-użu ta' ċertifikati COVID-19 għal servizzi addizzjonali, pereżempju fil-kuntest tat-trasport pubbliku domestiku jew tal-aċċess għall-post tax-xogħol. Madankollu, fil-bidu tal-2022, xi Stati Membri bdew jillimitaw jew waqfu kompletament milli jirrikjedu ċertifikati COVID-19 għal skopijiet domestiċi. Fl-istħarriġ li sar mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, ħames pajjizi⁴⁷ indikaw li l-użu domestiku ta' iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien diġà ġie sospiż, u ħamsa indikaw li kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex jiġi sospiż⁴⁸.

Peress li l-użu domestiku ta' iċ-ċertifikati COVID-19 ma huwiex kopert mir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu wkoll ir-regoli u l-kundizzjonijiet ta' aċċettazzjoni tagħhom stess. Il-Kummissjoni qed tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jallinjaw ir-regoli tagħhom għall-użu domestiku mar-regoli ta' aċċettazzjoni applikabbli fil-kuntest tal-ivvjaġġar, madankollu għad hemm xi diverġenzi. Pereżempju, filwaqt li tmien Stati Membri indikaw fl-istħarriġ li iċ-ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje tat-tilqim primarju kienu aċċettati għall-użu domestiku għal 270 jum, f'konformità mar-regoli applikabbli fil-kuntest tal-ivvjaġġar, l-Istati Membri l-oħra indikaw perjodi ta' aċċettazzjoni differenti. Tnax-il Stat Membru indikaw li iċ-ċertifikati li juru doża booster huma aċċettati għall-użu domestiku għal perjodu ta' żmien indefinit, kif inhu l-każ fil-kuntest tal-ivvjaġġar.

Ir-riċerkaturi fittxew li jagħmlu stima tal-impatti tar-rekwiżiti ta' iċ-ċertifikati COVID-19. Artiklu li għadu ma huwiex stampat, minn riċerkaturi tal-Università Simon Fraser fi British Columbia jistma żieda mdaqqsqa fit-tilqim u qligħ kumulattiv dejjiemi wara t-tħabbir ta' rekwiżit domestiku ta' iċ-ċertifikat COVID-19, meta mqabbel max-xejra ta' qabel it-thabbira⁴⁹. Artiklu ieħor ippubblikat f'*The Lancet* żvela li l-introduzzjoni ta' iċ-ċertifikati COVID-19 wasslet għal żieda fit-tilqimiet 20 jum qabel l-implimentazzjoni b'antiċipazzjoni, b'effett dejjiemi sa 40 jum wara⁵⁰. Dokument ta' ħidma ppubblikat minn riċerkaturi ta' Bruegel,

⁴⁵ Il-Premessa 48 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁴⁶ Il-Premessa 49 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁴⁷ CZ, ES, FI, LI u NO.

⁴⁸ EE, HR, LV, AT u SK.

⁴⁹ <https://doi.org/10.1101/2021.10.21.21265355>

⁵⁰ [https://doi.org/10.1016/S2468-2667\(21\)00273-5](https://doi.org/10.1016/S2468-2667(21)00273-5)

grupp ta' riflessjoni, jistma li t-tħabbira taċ-ċertifikati COVID matul is-sajf tal-2021 wasslet għal żieda ta' 13-il punt perċentwali mill-popolazzjoni totali fit-teħid tat-tilqima sa tmiem is-sena fi Franza, żieda ta' 6,2 punti perċentwali fil-Ġermanja, u żieda ta' 9,7 punti perċentwali fl-Italja⁵¹. Barra minn hekk, l-awturi jistmaw li dan il-fatt evita 3 979 mewta addizzjonali fi Franza, 1 133 fil-Ġermanja, u 1 331 fl-Italja; u impedixxa telf tal-prodott domestiku gross ta' EUR 6,0 biljun fi Franza, EUR 1,4 biljun fil-Ġermanja, u EUR 2,1 biljun fl-Italja. Notevolment, l-awturi jsostnu li l-applikazzjoni taċ-ċertifikati COVID naqqset sostanzjalment il-pessjoni fuq l-unitajiet tal-kura intensiva u, fi Franza, evitat li jinqabżu l-livelli ta' okkupanza meta daħlu fis-seħħ lockdowns minn qabel.

2.6. L-implimentazzjoni teknika

2.6.1. In-numru ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin

Sal-1 ta' Marzu 2022, l-Istati Membri ħarġu aktar minn 1,72 biljun Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, magħmula minn 1,15-il biljun ċertifikat ta' tilqim, 511-il miljun ċertifikat tat-testijiet, u 55 miljun ċertifikat ta' fejqan⁵². Diżaggregazzjoni dettaljata għal kull Stat Membru hija inkluża fl-Anness I.

2.6.2. Il-Gateway tal-UE u l-ħidma fil-livell tekniku

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-linji gwida għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni komuni taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ġew żviluppati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-qafas tan-Network e-Saħħa⁵³. L-ispeċifikazzjonijiet kollha żviluppati min-Network e-Saħħa huma bbażati fuq standards miftuħin u huma ppubblikati bħala sors miftuħ fuq is-sit web tan-Network e-Saħħa⁵⁴ u fuq GitHub⁵⁵. Dan iffaċilita l-interoperabbiltà ma' sistemi żviluppati minn pajjiżi terzi (ara t-Taqsima 2.7.1 hawn taħt).

Minn Ottubru 2021, il-ħidma fil-livell tekniku sabiex tkompli tittejjeb is-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE inkludiet ir-raffinar tal-kodifikazzjoni tal-boosters (ara t-Taqsima 2.8.1 aktar 'il quddiem) u, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' mekkaniżmu għall-iskambju ta' listi ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE revokati.

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jipprevedi li l-qafas ta' fiduċja tiegħu jappoġġa l-iskambju tal-listi taċ-ċertifikati revokati li jkun fihom l-identifikaturi uniċi taċ-ċertifikati revokati⁵⁶. Ir-revoka taċ-ċertifikati tista' tgħin sabiex tiġi ssalvagwardjata s-

⁵¹ <https://www.bruegel.org/2022/01/the-effect-of-covid-certificates-on-vaccine-uptake-public-health-and-the-economy/>

⁵² Meta Stat Membru seta' biss jipprovi ċifra totali għat-tliet tipi ta' ċertifikati flimkien, dawn ġew inklużi fl-għadd ta' ċertifikati tat-tilqim maħruġa, peress li dawn jikkostitwixxu l-maġġoranza vasta ta' ċertifikati maħruġa.

⁵³ In-Network e-Saħħa huwa network volontarju li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-e-Saħħa maħturin mill-Istati Membri, stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE.

⁵⁴ https://ec.europa.eu/health/ehealth/covid-19_mt

⁵⁵ <https://github.com/eu-digital-green-certificates>

⁵⁶ L-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

saħħa pubblika meta ċ-ċertifikati jkunu nħarġu bi żball, bħala riżultat ta' frodi jew wara s-sospensjoni ta' lott tat-tilqima kontra l-COVID-19 li jinstab li jkun difettuż⁵⁷.

Mit-tnedija ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, kien hemm rapporti ta' għadd żgħir ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE maħruġin b'mod frodulent. Kif il-Kummissjoni vverifikat mal-Istati Membri, dawn il-każijiet limitati kienu tipikament dovuti għal persunal individwali ta' emittenti awtorizzati ta' ċertifikati li ħarġu ċertifikati validi b'mod frodulent jew irregolari. Jibqa' importanti li l-awtoritajiet nazzjonali jkomplu jsegwu dawk il-każijiet.

F'dan il-kuntest, diversi Stati Membri diġà implimentaw soluzzjonijiet għar-revoka fil-livell domestiku, jiġifieri, fir-rigward ta' ċertifikati li joħroġu huma stess. Il-Kummissjoni, flimkien ma' esperti mill-Istati Membri, qed taħdem biex tiżviluppa mekkaniżmu li jippermetti l-iskambju rapidu u sigur tal-listi ta' revoka ta' ċertifikati bejn l-Istati Membri permezz tal-Gateway ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE, li hija l-parti ċentrali tal-qafas ta' fiduċja. Għamlet dan minħabba li, filwaqt li s-sistema ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE hija kapaċi tiżvela minnufih ċertifikati ffalsifikati, ċertifikati awtentiċi li jinħarġu b'mod illegali fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni falza, ta' aċċess mhux awtorizzat jew b'intenzjoni frodulent ma jistgħux jiġu identifikati fi Stati Membri oħrajn sakemm il-listi ta' ċertifikati revokati ġenerati fil-livell nazzjonali ma jiġux skambjati bejn l-Istati Membri. Is-soluzzjoni żviluppata għandha tkun operattiva fil-ġimgħat li ġejjin.

2.7. Aspetti internazzjonali tas-sistema ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE

2.7.1. Konnessjoni bejn l-Ewropa u pajjiżi terzi

Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jstipula li l-Kummissjoni tista' toħroġ deċiżjoni li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' pajjiżi terzi iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għa' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE ("deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza") bil-għan li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tad-detenturi tagħhom għal moviment liberu. Dan iwassal biex il-pajjiżi terzi ikkonċernat jiġi konness mal-Gateway tal-UE. Informazzjoni dettaljata dwar dan il-proċess tista' tinstab fl-ewwel rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Kif spjegat f'dan l-ewwel rapport, il-Kummissjoni kienet diġà adottat deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza rigward iċ-ċertifikati COVID-19 maħruġin mill-Albanija, minn Andorra, mill-Gżejjer Faeroe, minn Iżrael, minn Monaco, mill-Marokk, mill-Maċedonja ta' Fuq, mill-Panama, minn San Marino, mit-Turkija, mill-Ukrajna u mill-Belt tal-Vatikan. Barra minn hekk, l-Iżvizzera hija konnessa mas-sistema ta' Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE bbażata fuq deċiżjoni dwar l-ekwivalenza adottata skont l-Artikolu 3(10) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, minħabba l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-

⁵⁷ Il-Premessa 19 tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

moviment liberu tal-persuni⁵⁸. Minbarra l-pajjiżi terzi u t-territorji konnessi fuq il-bażi ta' deċiżjoni dwar l-ekwivalenza, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja huma konnessi fuq il-bażi tal-inkorporazzjoni tar-Regolament fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, u sat-tmien ta' Frar 2022, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet addizzjonali dwar l-ekwivalenza fir-rigward tal-Armenja⁵⁹, tal-Benin⁶⁰, ta' Cabo Verde⁶¹, ta' El Salvador⁶², tal-Georgia⁶³, tal-Ġordan⁶⁴, tal-Libanu⁶⁵, tal-Moldova⁶⁶, tal-Montenegro⁶⁷, ta' New Zealand⁶⁸, tas-Serbja⁶⁹, ta' Singapore⁷⁰, tat-Tajwan⁷¹, tat-Tajlandja⁷², tat-Tuneżija⁷³, tat-Togo⁷⁴, tal-Emirati Għarab Magħquda⁷⁵, tar-Renju Unit⁷⁶ u tal-Urugwaj⁷⁷.

⁵⁸ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.

⁵⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1894 tat-28 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tal-Armenja maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 109).

⁶⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/206 tal-15 ta' Frar 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tal-Benin maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 34, 16.2.2022, p. 46).

⁶¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2189 tad-9 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' Cabo Verde maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 443I, 10.12.2021, p. 7).

⁶² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2113 tat-30 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' El Salvador maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 429, 1.12.2021, p. 152).

⁶³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1995 tal-15 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mill-Georgia maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 26).

⁶⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/207 tal-15 ta' Frar 2022 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 34, 16.2.2022, p. 49).

⁶⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2187 tad-9 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Libaniża maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 443I, 10.12.2021, p. 1).

⁶⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1994 tal-15 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tal-Moldova maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 23).

⁶⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2297 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mill-Montenegro maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 524).

⁶⁸ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1993 tal-15 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn New Zealand maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 20).

⁶⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1996 tal-15 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika tas-Serbja maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 405, 16.11.2021, p. 29).

B'riżultat ta' dan, 35 pajjiż u territorju mhux tal-UE ssieħbu fis-sistema taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE flimkien mas-27 Stat Membru. Dan itella' n-numru totali ta' pajjiżi konnessi mas-sistema taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE għal 62. 22 mit-32 deċiżjoni dwar l-ekwivalenza jirrikonoxxu t-tliet tipi taċ-ċertifikat kollha stabbiliti bir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Barra minn hekk, aktar pajjiżi terzi qegħdin ikompli japplikaw għal deċiżjoni dwar l-ekwivalenza. Sas-16 ta' Frar 2022, kien hemm kuntatti preliminari ma' 35 pajjiż terz jew territorju interessat, li 25 minnhom ippreżentaw formalment ir-riżultati tal-awtovalutazzjoni ta' kemm huma lesti li jissieħbu fis-sistema tal-UE.

Ir-Regolament fih innifsu ma jirrikjedix b'mod espliċitu li pajjiżi terzi li jkunu qed jipprovaw jiksbu deċiżjoni dwar l-ekwivalenza jaċċettaw b'mod reċiproku iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għall-ivvjaġġar lejn il-pajjiżi rispettivi tagħhom. Madankollu, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-ekwivalenza, il-Kummissjoni talbet sistematikament lill-pajjiżi terzi kollha kkonċernati jaċċettaw iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Il-Kummissjoni qed tissokta l-isforzi tagħha u tappoġġa lill-pajjiżi terzi li jixtiequ jiżviluppaw sistemi interoperabbli taċ-ċertifikati tal-COVID-19. Dan jista' jinkludi l-kondiviżjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi ma' pajjiżi terzi u soluzzjonijiet ta' referenza

⁷⁰ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2057 tal-24 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' Singapore maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 420, 25.11.2021, p. 129).

⁷¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2300 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajwan maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 533).

⁷² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2299 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mit-Tajlandja maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 530).

⁷³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2296 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' Tuneżija maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 521).

⁷⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2056 tal-24 ta' Novembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Repubblika ta' Togo maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 420, 25.11.2021, p. 126).

⁷⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2188 tad-9 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mill-Emirati Għarab Magħquda maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 443I, 10.12.2021, p. 4).

⁷⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1895 tat-28 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati tal-COVID-19 maħruġa mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 384, 29.10.2021, p. 112).

⁷⁷ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2298 tal-21 ta' Diċembru 2021 li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj maċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 527).

b'sors miftuħ li jistgħu jappoġġaw il-konverżjoni ta' ċertifikati ta' pajjiżi terzi f'format li jkun interoperabbli maċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Xi pajjiżi terzi użaw mekkaniżmi ta' konverżjoni biex jappoġġjaw it-talbiet tagħhom għal deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza.

Minbarra s-sistema tad-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza, ir-Regolament dwar il-COVID Diġitali tal-UE jipprevedi wkoll li l-Istati Membri jistgħu joħorġu Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE lil persuni mlaqqma f'pajjiż terz b'vaċċin użat fl-UE, fejn ikunu ngħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża prova affidabbli ta' dan il-vaċċin⁷⁸. Għadd ta' Stati Membri⁷⁹ żviluppaw pjattaformi online biex jgħinu lill-vjaġġaturi minn pajjiżi terzi mhux koperti minn deċiżjoni dwar l-ekwivalenza biex jitolbu l-konverżjoni taċ-ċertifikat COVID-19 tagħhom f'Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

2.7.2. L-interoperabbiltà mas-sistemi żviluppati fil-livell internazzjonali

F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament, jenħtieġ li l-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiżgura l-interoperabbiltà mas-sistemi teknoloġiċi stabbiliti fil-livell internazzjonali.

Il-Kummissjoni tkompli tikkoopera mal-istituzzjonijiet internazzjonali sabiex tipprovi gwida dwar il-prinċipji li fuqhom hija bbażata sistema taċ-Ċertifikat Covid Diġitali sikura u affidabbli, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għad-Dokumentazzjoni Diġitali tad-WHO dwar l-ispeċifikazzjonijiet u l-linji gwida taċ-Ċertifikati COVID-19. Il-Kummissjoni żammet djalogu kontinwu mal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex tidentifika għażliet potenzjali għall-interoperabbiltà bejn iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u iċ-ċertifikat VDS-NC tal-ICAO.

2.8. L-iżviluppi fir-rigward taċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE

2.8.1. Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tat-tilqim

Meta ġie adottat ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ma kienx hemm biżżejjed *data* disponibbli dwar id-durata tal-protezzjoni li tirriżulta mit-tlestija tas-serje primarja tat-tilqima kontra l-COVID-19. Għalhekk, ma ġie stabbilit l-ebda perjodu ta' validità għaċ-ċertifikati tat-tilqim.

Fl-aħħar rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dak il-mument, ma kinitx qed tikkunsidra emenda għar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sabiex tispeċifika l-validità taċ-ċertifikati tat-tilqim f'dak iż-żmien. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li kienet se tkompli timmonitorja l-evidenza xjentifika dwar dak is-suġġett mill-qrib ħafna.

Fl-4 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkluda li d-dożi booster għat-tilqima Comirnaty jistgħu

⁷⁸ L-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

⁷⁹ Pereżempju BE, FR u LV.

jiġi kkunsidrati tal-anqas sitt xhur wara t-tieni doża għal persuni li għandhom 18-il sena u aktar. Fil-25 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat ikkonkluda li tista' tiġi kkunsidrata doża booster tat-tilqima Spikevax f'persuni li għandhom 18-il sena u aktar tal-anqas sitt xhur wara t-tieni doża. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kumitat ikkonkluda li doża booster tat-tilqima COVID-19 Vaccine Janssen tista' tiġi kkunsidrata tal-anqas xahrejn wara l-ewwel doża għall-persuni ta' 18-il sena u aktar u li t-tilqima COVID-19 Vaccine Janssen tista' tingħata wkoll wara żewġ dożi tat-tilqima Comirnaty jew tat-tilqima Spikevax.

F'dan il-kuntest, fl-24 ta' Novembru 2021, l-ECDC ippubblika Valutazzjoni tar-Riskju Rapida⁸⁰ dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika kurrenti tas-SARS-CoV-2, projezzjonijiet għall-istaġun festiv tal-aħħar tas-sena u strateġiji għar-rispons fl-UE, li fih innota li l-evidenza emerġenti wriet żieda sinifikanti fil-protezzjoni kontra l-infezzjoni u l-mard serju wara doża booster fil-gruppi tal-etajiet kollha fit-terminu l-qasir. Skont l-ECDC, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'urġenza doża booster għal dawk li għandhom 40 sena u aktar, u għandu jkollhom fil-mira lil dawk l-aktar vulnerabbli u lill-anzjani, u li l-pajjiżi jistgħu jikkunsidraw ukoll doża booster għall-adulti kollha li għandhom 18-il sena jew aktar, minn tal-anqas sitt xhur wara li jlestu s-serje primarja tagħhom sabiex iżidu l-protezzjoni mill-infezzjoni minħabba li l-immunità tibda tbatti, u li tista' potenzjalment tnaqqas it-trażmissjoni tal-virus fil-popolazzjoni u tipprevjeni li jiġu rikoverati aktar nies l-isptar u li jkun hemm aktar imwiet.

B'rabta ma' dawn l-iżviluppi xjentifiċi, aktar u aktar Stati Membri adottaw regoli dwar għal kemm għandhom jiġu aċċettati ċertifikati tat-tilqim li jindikaw it-tlestija tas-serje tat-tilqim primarju. Dawn il-miżuri unilaterali kellhom il-potenzjal li jikkawżaw tfixkil sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.

B'rispons għal dan, fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat⁸¹ li jstabbilixxi perjodu ta' aċċettazzjoni vinkolanti ta' 270 jum għaċ-ċertifikati tat-tilqim li jkopru s-serje tat-tilqim primarju, għall-finijiet ta' vjaġġar fl-UE⁸². Dawn iċ-ċertifikati ma għandhomx jiġu aċċettati jekk ikunu għaddew aktar minn 270 jum mill-aħħar doża. Dan il-perjodu ta' validità jqis il-gwida tal-ECDC, li skont din, id-dożi booster huma rakkomandati mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tlestija tal-ewwel ċiklu tat-tilqim, kif spjegat hawn fuq. Jipprevedi wkoll perjodu ta' grazzja ta' tliet xhur addizzjonali lil hinn minn dawk is-sitt xhur sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal dożi booster.

Iċ-ċertifikati maħruġa għad-dożi booster ma għandhomx perjodu massimu ta' aċċettazzjoni, u għalhekk bħalissa jibqgħu validi mingħajr data ta' skadenza, f'dak li għandu x'jaqsam mal-

⁸⁰ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/rapid-risk-assessment-sars-cov-2-november-2021>

⁸¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2288 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa fil-format taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li jindika t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 459).

⁸² Il-Kummissjoni kienet diġà inkludiet proposta għal perjodu ta' aċċettazzjoni standard ta' disa'(9) xhur fil-proposta tagħha tat-25 ta' Novembru 2021 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu sikur matul il-pandemija tal-COVID-19, u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/1475.

ivvjaġġar fl-UE, għalkemm dan jista' jiġi kkunsidrat mill-ġdid fi stadju aktar tard f'każ li l-evidenza xjentifika tindika l-ħtieġa għall-introduzzjoni ta' perjodu ta' aċċettazzjoni għal dawn iċ-ċertifikati wkoll.

Ir-regoli dwar il-perjodu ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim japplikaw għall-finijiet tal-ivvjaġġar. Kif spjegat aktar 'il fuq, meta jintroduċu regoli ġodda dwar l-użu taċ-ċertifikati fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri huma mħeġġin jallinjawhom ma' dawn ir-regoli l-ġodda sabiex jipprovdu ċertezza għall-vjaġġaturi u jnaqqsu t-tfixkil.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat att ta' implimentazzjoni⁸³ li jiċċara r-regoli għall-kodifikazzjoni taċ-ċertifikati tat-tilqim. Dan sar neċessarju sabiex jiġi żgurat li iċ-ċertifikati tat-tilqim li juru t-tlestija tas-serje primarja dejjem ikunu jistgħu jiġu distinti miċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġin wara doża booster, irrispettivament mill-ġhadd ta' dożi amministrati fis-serje primarja.

2.8.2. Testijiet tal-antiġeni bbażati fil-laboratorju

Minn Lulju 2021, il-grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19 tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa kien qed jirrieżamina l-proposti mressqin mill-pajjiżi tal-UE u mill-manifatturi għat-testijiet antiġeniċi tal-COVID-19 ibbażati fil-laboratorju. Dawn il-proposti huma vvalutati skont l-istess kriterji bħat-testijiet rapidi tal-antiġeni, li ġew miftehmin fil-21 ta' Settembru 2021. Jekk il-grupp ta' ħidma tekniku jqis li l-proposti jirnexxu u l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa jaqbel ukoll, it-testijiet antiġeniċi bbażati fil-laboratorju li jissodisfaw il-kriterja jiġu inklużi f'lista separata (l-Anness III tad-dokument tal-lista komuni tal-UE).

Għar-raġunijiet stabbiliti fil-proposta tagħha sabiex jiġi estiż ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi tali testijiet tal-antiġeni ta' kwalità għolja bbażati fil-laboratorju fost it-tipi ta' testijiet li għalihom jista' jinħareġ Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE⁸⁴. Il-mira hija li jitwessa' l-ambitu tat-tipi ta' testijiet dijanjostiċi fi żmien meta hemm domanda għolja għat-testijiet għall-COVID-19.

2.8.3. Il-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan ibbażati fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-antiġeni

Meta ġie adottat ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, iċ-ċertifikati tal-fejqan setgħu jinħarġu biss wara riżultat pożittiv ta' test ta' amplifikazzjoni tal-aċidu nukleju molekulari (NAAT). Ir-Regolament ma ppermettiex il-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqan fuq il-bażi ta' testijiet oħrajn, bħal testijiet rapidi tal-antiġeni.

⁸³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2301 tal-21 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1073 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u regoli għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' fiduċja għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 536).

⁸⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022PC0050&qid=1647682218866&from=MT>

F' Mejju 2021, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, stabbilixxa grupp ta' ħidma tekniku dwar it-testijiet dijanjostiċi tal-COVID-19⁸⁵. L-għan ta' dan il-grupp ta' ħidma tekniku huwa li jirrieżamina l-proposti mressqin mill-Istati Membri u mill-manifatturi sabiex testijiet rapidi tal-antiġeni għall-COVID-19 jiġu inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' testijiet rapidi tal-antiġeni maqbulin mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa⁸⁶.

Fil-11 ta' Jannar 2022, dan il-grupp ta' ħidma tekniku ddiskuta l-użu tat-testijiet rapidi tal-antiġeni għaċ-ċertifikati tal-fejqa, filwaqt li qies is-sitwazzjoni epidemjoloġika li marret għall-aġar, b'numri rekord ta' każijiet tal-COVID-19 minħabba l-varjant ta' tħassib "Omicron", kif ukoll minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet ta' NAATs f'diversi Stati Membri bħala riżultat ta' domanda għolja għat-testijiet. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-grupp ta' ħidma tekniku qabel li t-testijiet rapidi tal-antiġeni inklużi fil-lista komuni tal-UE jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa. Il-grupp ta' ħidma tekniku saħaq li huma biss ir-riżultati tat-testijiet rapidi tal-antiġeni mwettqin minn professjonisti mediċi jew minn persunal imħarreġ ieħor li għandhom jintużaw sabiex jinħarġu ċertifikati bħal dawn.

L-ECDC iqis li testijiet rapidi tal-antiġeni vvalidati kif xieraq li jissodisfaw kriterji ta' speċifità għolja ta' aktar minn 98 % jistgħu jintużaw sabiex jiġi ċertifikat li persuna tkun fieqet minn infezzjoni mgħoddija bil-COVID-19⁸⁷. Aktar ma tkun għolja l-ispeċifità, aktar għandha tkun għolja l-validità tat-test li trid tintuża għaċ-ċertifikazzjoni ta' individwu mfejjaq.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet ulterjuri mal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, fit-22 ta' Frar 2022 il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat li jemenda r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sabiex jipprevedi li ċ-ċertifikati tal-fejqa jistgħu jinħarġu wkoll wara riżultat pożittiv ta' test rapidu tal-antiġeni elenkat fil-lista komuni tal-UE u mwettaq minn professjonisti tas-saħħa jew minn persunal tal-ittestjar imħarreġ mill-Istat Membru fejn ikun twettaq it-test⁸⁸.

2.8.4. Il-ħruġ possibbli ta' ċertifikati tal-fejqa ibbażati fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-antikorpi

Fl-ewwel rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, il-Kummissjoni indirizzat ukoll il-ħruġ possibbli ta' ċertifikati tal-fejqa ibbażati fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-antikorpi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, fuq il-bażi tal-gwida xjentifika, ma kinitx qed tikkunsidra emenda għar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sabiex tippermetti l-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa fuq il-bażi ta' testijiet tal-antikorpi.

⁸⁵ https://ec.europa.eu/health/health-security-and-infectious-diseases/crisis-management/covid-19-diagnostic-tests_mt

⁸⁶ https://ec.europa.eu/health/system/files/2022-01/covid-19_rat_common-list_en.pdf

⁸⁷ <https://www.ecdc.europa.eu/sites/default/files/documents/Options-for-the-use-of-rapid-antigen-tests-for-COVID-19-first-update.pdf>

⁸⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/256 tat-22 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni (ĠU L 42, 23.2.2022, p. 4).

Kif innotat fl-ewwel rapport, l-ECDC iqis li r-riżultati tat-testijiet tal-antikorpi ma humiex adattati għall-valutazzjoni taż-żmien tal-infezzjoni u tal-istatus tal-immunità ta' individwu. L-ECDC ma biddilx din il-pożizzjoni, kif jidher f'rapport ġdid ippubblikat fl-10 ta' Frar 2022⁸⁹. Il-konklużjonijiet ewlenin tal-ewwel aġġornament tar-rapport huma li t-testijiet tal-antikorpi ma jistgħux jintużaw sabiex jinħarġu jew jiġu estiżi ċ-ċertifikati COVID-19 diġitali. Ir-raġunijiet ewlenin għal dan huma li, l-ewwel nett, filwaqt li r-riżultat pożittiv tat-test tal-antikorpi jista' jindika infezzjoni jew tilqima preċedenti, ma jistax jintuża sabiex jiġi ddeterminat jekk individwu jkunx attwalment infettiv jew protett kontra infezzjoni, lanqas ma jista' jiddetermina ż-żmien tal-infezzjoni (fin-nuqqas ta' test dijanjostiku pożittiv). It-tieni, il-medda ta' livelli tal-antikorpi li jikkorrelataw mal-protezzjoni minn infezzjoni jew minn mard serju bħalissa ma hijiex magħrufa. Barra minn hekk, il-livell u r-rata ta' tnaqqis tal-antikorpi jvarjaw ħafna fost l-individwi u l-miri tal-antikorpi u jiddependu fuq fatturi bħall-età, l-istatus ġenetiku u immunitarju, il-kontenut virali u s-severità tal-marda tal-infezzjoni preċedenti bis-SARS-CoV-2. Għalhekk, ma tistax tiġi kkalkolata rata standard prevedibbli. It-tielet, hemm varjetà ta' testijiet tal-antikorpi disponibbli u huwa diffiċli ħafna li jitqabblu r-riżultati tagħhom minħabba d-diversità u n-nuqqas ta' standardizzazzjoni (kemm globalment kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri). U, fl-aħħar nett, hemm riskju li l-antikorpi identifikati mit-testijiet kummerċjali li qegħdin jintużaw bħalissa ma jipprevjenux l-infezzjoni b'varjanti emerġenti ġodda tas-SARS-CoV-2.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha li ma tbiddilx ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fuq dan il-punt.

2.8.5. Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-fejqan

Fl-aħħar rapport, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li, fuq il-bażi tal-gwida xjentifika, ma kinitx qed tikkunsidra li testendi l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-fejqan għal aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel r-riżultat pożittiv tat-test. Kif ġie nnotat mill-ECDC, ma kienux hemm biżżejjed evidenza sabiex tiġi appoġġata żieda fil-perjodu ta' validità.

Lil hinn mill-perjodu ta' 180 jum, hemm għarfien limitat dwar id-durata tal-immunità tal-persuni infettati bis-SARS-CoV-2. Il-valutazzjoni tal-validità taċ-ċertifikati tal-fejqan hija proċess dinamiku li jiddependi mill-evidenza xjentifika emerġenti, li hija affettwata minn bidliet fir-razez dominanti tas-SARS-CoV-2 li jkunu qegħdin jiċċirkolaw fi kwalunkwe punt fiż-żmien partikolari⁹⁰.

L-ECDC ikompli jivvaluta regolarment il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-fejqan, billi jissorvelja l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli. Evidenza robusta dwar id-daqs u d-durata tal-immunità kontra l-varjant Omimicron għadha limitata ħafna. L-ECDC jqis li bħalissa ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni sabiex tiġi riveduta d-durata attwali tal-validità taċ-ċertifikat tal-fejqan ta' 180 jum.

⁸⁹ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/use-antibody-tests-sars-cov-2>

⁹⁰ <https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/covid-19-omicron-risk-assessment-further-emergence-and-potential-impact>

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni bħalissa ma hijiex qed tikkunsidra emenda għar-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li testendi l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-fejqa.

2.9. L-estensjoni tar-Regolament

Kif spjegat fit-Taqsima 2.1.1, il-Kummissjoni tqis li hemm il-ħtieġa li tiġi estiża s-sistema taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE bi 12-il xahar. Żieda mgħedda fl-infezzjonijiet fit-tieni nofs tal-2022, inkluż minħabba l-emerġenza ta' varjanti ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2, hija possibbiltà reali. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri jistgħu jsibuha neċessarja li jżommu jew li jintroduċu mill-ġdid rekwiżit għaċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu biex jippreżentaw prova tat-tilqim, tat-testijiet jew tal-irkupru kontra l-COVID-19 għal ċertu perjodu wara t-30 ta' Ġunju 2022. F'każ bħal dan, jenħtieġ li jiġi evitat li ċ-ċittadini tal-UE jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jagħmlu użu miċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tagħhom bħala mod effettiv, sigur u li jippreserva l-privatezza biex jiġi ppruvat l-istatus tal-COVID-19. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet, fit-3 ta' Frar 2022, li testendi r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'sena, sat-30 ta' Ġunju 2023.

B'mod parallel, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li testendi r-Regolament (UE) 2021/954, li jestendi r-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, iżda li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li jkunu intitolati li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħrajn f'konformità mad-dritt tal-UE⁹¹.

Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni fiha wkoll numru żgħir ta' emendi addizzjonali għar-Regolament:

L-ewwel nett, kif diġà msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi testijiet tal-antiġeni ta' kwalità għolja bbażati fil-laboratorju fost it-tipi ta' testijiet li għalihom jista' jinħareġ ċertifikat tat-test. Il-mira hija li jitwessa' l-ambitu tat-tipi ta' testijiet dijanjostiċi fi żmien meta hemm domanda għolja għat-testijiet għall-COVID-19 (ara wkoll it-Taqsima 2.8.2).

It-tieni, il-proposta tiċċara li ċ-ċertifikati tat-tilqim fihom in-numru korrett ta' dożi totali amministrati fi kwalunkwe Stat Membru u mhux biss fl-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat. Dan qed isir sabiex jiġi indirizzat ċertu tħassib prattiku mqajjem miċ-ċittadini dwar ċertifikati li jindikaw għadd mhux korrett ta' dożi meta jirċievu dożi tat-tilqima fi Stati Membri differenti (ara wkoll it-Taqsima 2.1.5).

⁹¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/954 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (COM(2022) 55 final).

Fl-aħħar nett, il-proposta tipprevedi li jistgħu jinħarġu ċertifikati lil persuni li jipparteċipaw fi provi kliniċi, jiġifieri l-istudji mwettqin sabiex jiġu investigati s-sikurezza jew l-effikaċja ta' mediċina, irrispettivament minn jekk il-parteċipanti rċivewx il-kandidat għat-tilqima kontra l-COVID-19 jew, sabiex jiġi evitat milli jiġu mxekklin l-istudji, id-doża amministrata lill-grupp ta' kontroll. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE maħruġ lill-parteċipanti tal-provi jista' mbagħad jiġi aċċettat minn Stati Membri oħrajn.

B'mod partikolari fid-dawl tal-emerġenza ta' varjanti ġodda ta' tħassib tas-SARS-CoV-2, se jkun kruċjali li jibqgħu jsiru żviluppi u studji dwar it-tilqimiet kontra l-COVID-19. Bħala riżultat, huwa importanti li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-voluntiera fil-provi kliniċi. Il-fatt li l-voluntiera jiġu m'caħħdin milli jaċċessaw iċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE jista' jikkostitwixxi diżinċentiv kbir għall-parteċipazzjoni, li jittardja l-konklużjoni tal-provi kliniċi u jħalli impatt negattiv fuq is-saħħa pubblika.

3. KONKLUŻJONI U L-PASSI LI JMISS

Is-sistema ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kellha – u għad għandha – impatt pożittiv ħafna fuq il-moviment liberu fi żmien li fiha l-Istati Membri qegħdin ikomplu jirristringu l-ivvjaġġar għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Tiżgura li ċ-ċittadini jgawdu minn dritt li jirċievu ċertifikati interoperabbli u aċċettati b'mod reċiproku dwar it-tilqim, it-testijiet u l-fejqaq mill-COVID-19 li jistgħu jużaw meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Meta l-Istati Membri jneħħu ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għal persuni fil-pussess ta' prova ta' tilqim, ta' ttestjar jew ta' fejqaq, ir-Regolamenti dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet. Biċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, ġiet evitata sistema frammentata ta' ċertifikati nazzjonali multipli.

F'każ li ċerti restrizzjonijiet għall-moviment liberu abbażi tas-saħħa pubblika jkunu għadhom fis-seħħ wara l-30 ta' Ġunju 2022, pereżempju f'każ ta' żieda mġedda fl-infezzjonijiet fit-tieni nofs tal-2022, jenħtieġ li jiġi evitat li ċ-ċittadini tal-UE jiġu m'caħħda mill-possibbiltà li jagħmlu użu miċ-Ċertifikati COVID Diġitali tal-UE tagħhom bħala mod effettiv, sigur u li jippreserva l-privatezza biex jiġi ppruvat l-istatus tal-COVID-19. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni pproponiet li testendi r-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE b'sena, sat-30 ta' Ġunju 2023.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-isforzi sabiex jiġi stabbilit approċċ ikkoordinat għall-ivvjaġġar fil-livell tal-UE b'mod ġenerali ntlagħu tajjeb mill-assoċjazzjonijiet tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu bħala għodda importanti biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvjaġġaw u jithegħgu li jagħmlu dan billi tiġi garantita l-prevedibbiltà meħtieġa. L-impatt pożittiv tas-sistema ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jestendi lil hinn mill-fruntieri tal-UE, peress li s-sistema żviluppat fi standard globali msejjes b'mod sod fuq il-valuri tal-UE ta' trasparenza ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-*data*. Dan is-suċċess ikkontribwixxa għat-tkompliġja tal-ivvjaġġar internazzjonali f'kondizzjonijiet sikuri u għall-irkupru globali. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha fil-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-iżviluppi xjentifiċi mill-qrib sabiex tadatta s-sistema ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE meta jkun meħtieġ, kif għamlet dan l-aħħar billi tistabbilixxi perjodu ta' aċċettazzjoni standard għaċ-ċertifikati tat-tilqim, tippermetti l-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa fuq il-bażi ta' testijiet rapidi tal-antiġeni, u tiżviluppa mekkaniżmu għall-iskambju ta' listi ta' ċertifikati revokati.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tiżgura approċċ koordinat sew, prevedibbli u trasparenti għall-adozzjoni ta' kull restrizzjoni neċessarja fir-rigward tal-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. L-Istati Membri huma mħeġġa jneħħu kull restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar, inkluż l-obbligu ta' preżentazzjoni ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, hekk kif tkun tippermetti s-sitwazzjoni epidemjoloġika.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-siġħ favur ritorn mill-aktar fis possibbli għall-moviment liberu mingħajr restrizzjonijiet. Filwaqt li ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE wera l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri li jwasslu riżultati tanġibbli għall-benefiċċju ta' ċittadini tal-UE, it-tmiem tiegħu se jkun indikazzjoni li l-pandemija kif ukoll li r-restrizzjonijiet marbuta magħha negħlbu.